MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 40

It-Tlieta, 17 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, f'12.01 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett, il-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor. Keith Azzopardi Tanti u l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà l-Onor. Glenn Bedingfield kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Graziella Attard Previ kienet imsiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Romilda Zarb kienet skużata.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali l-Onor. Omar Farrugia, il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili l-Onor. Rosianne Cutajar, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Alex Borg, l-Onor. Fleur Abela, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Julian Borg, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. John Baptist Camilleri, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Marilena Gauci, l-Onor. John Grech, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Deborah Schembri, l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. George Vital Zammit u l-Onor. Stanley Zammit kienu assenti.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 39 li saret fis-16 ta' Novembru 2026 kienu kkonfermati.

PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA

L-Onor. Ivan Castillo ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għat-tweġiba mogħtija mill-Ministru għall-Finanzi għall-mistoqsija parlamentari 3256 dwar ħatriet ta' indivdwu f'bordijiet, irrefera għal stqarrija maħruġa mill-Malta Employers' Association dwar l-istess individwu u talab lis-Sedja tinvestiga jekk kienx hemm lok li ssir korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari msemmija.

MISTOQSIJIET

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, din is-seduta kienet mingħajr mistoqsijiet.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

ESTIMI ĠENERALI 2027 - KUMITAT TA' PROVVISTA – ID-DISA' SEDUTA STABBILITA

Il-Kamra marret f'Kumitat.

FIL-KUMITAT

Il-President tal-Kumitati, l-Onor. Bernard Grech, ippreseda.

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja, l-Onor. Michael Falzon, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

VOT 14 - MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €89,389,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 14 - Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT 15 - POLITIKA SOĊJALI

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €664,409,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 15 – Politika Soċjali, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT 17 - PENSJONIJIET

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €105,300,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 17 - Pensjonijiet, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

VOT VII - MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA - KAPITAL

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €10,701,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot VII – Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja – Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2027.

Il-President tal-Kumitati informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

F'12.14 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Ivan Bartolo ressaq din l-Emenda:

VOT 14 - MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

Personal Emoluments
Item 11 - Holders of Political Office

Ħassar iċ-ċifra "€57,928" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€57,925".
Delete the figure "€57,928" and substitute therefor the figure "€57,925".

Fis-1.40 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Norma Camilleri u l-Onor. Paola Mifsud Bonnici għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Mariah Meli, l-Onor. Yana Borg Debono Grech, l-Onor. Anthony Agius Decelis, l-Onor. Rebecca Buttigieg u l-Onor. Michael Falzon għan-naħa tal-Gvern.

Fit-3.00 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kellhom jittieħdu f'seduta li d-data tagħha kellha tiġi deċiża skont l-istess mozzjoni ta' proċedura.

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026, il-Kamra għaddiet għax-xogħol l-ieħor li kien jidher fuq l-aġenda.

2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMPANIJI – ABBOZZ NRU 7

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja, l-Onor. Michael Falzon, f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji.

L-Onor. Rebecca Buttigieg issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji, Kap. 386" inqara t-tielet darba u għadda.

AĠĠORNAMENT

Fit-3.04 p.m. il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 17 ta' Novembru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Estimi Ġenerali 2027 - Kumitat ta' Provvista

<u>L-Għaxar Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej</u>

Vot 37 - Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej
Vot XIX - Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej - Kapital

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026 il-ħin tad-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li mistoqsijiet jistgħu jsiru sal-4.30 p.m. u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fit-3.05 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. BERNARD GRECH
DEPUTY SPEAKER